MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2429/2002

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Neville u Michelle konjugi Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fl-10 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u sittin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm268.75) dovuti skond hames (5) kambjali li gew iffirmati mill-konvenuti u li skadew fit-18 ta' Mejju, 2002, fit-18 ta' Gunju, 2002, fit-18 ta' Lulju, 2002, fit-18 ta' Awissu, 2002, u fit-18 ta' Settembru, 2002, izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru, 2002 u tal-parir hmistax-il lira Maltija (Lm15.00), kontra l-konvenuti mid-data ta' kull skadenza, ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fit-18 ta' Dicembru, 2002, li biha gew ceduti l-atti tal-kawza peress li sar il-pagament mitlub, u inzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-mertu, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal- prezenti proceduri, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru, 2002 u hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) tal-parir.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------